MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 1207/1997/1

Alfred Grixti
vs
Is-Sur Tony Meilaq bhala Chairman in rappresentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2000 Maltacom plc bhala successur ta' l-istess

Illum 3 ta' Marzu 2005

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat mir-rikorrent fl-1 ta' Dicembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1994 huwa sofra ingustizzja f'li gie mcahhad mill-opportunita` li joqghod ghall-intervista ghall-post vakanti ta' Human Resources Development Manager mal-Korporazzjoni intimata.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent kien applika ghall-post vakanti ta' Assistant General Manager Human resources mal-Korporazzjoni intimata fil-15 ta' Lulju 1994. Wara illi l-applikazzjoni tar-rikorrent giet acknowledged fil-21 ta' Lulju 1994, permezz ta' ittra datata 30 ta' Lulju 1994, ir-rikorrent gie nfurmat illi l-applikazzjoni tieghu lanqas biss kienet "short listed" ghal intervista. Sussegwentement, il-post vakant ta' Assistant General Manager Human Resources intela minn certu Michael Debono li la kellu l-kwalifiki u lanqas l-esperjenza tar-rikorrent f'dak illi ghandu x'jaqsam max-xoghol li ghalih kella tkun responsabbli il-persuna appuntata f'din il-kariga.

Illi jigi rilevat illi minbarra l-fatt illi r-rikorrent kien kandidat tal-Partit Laburista u kien ikkontesta l-Elezzjonijiet Generali tal-1992 fiz-zmien in kwistjoni, r-rikorrent kien membru ta' l-Ezekuttiv Nazzjonali tal-partit.

Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent sofra danni finanzjarji minhabba l-fatt illi giet moghtija preferenza indebita lill-persuna ohra b'konsegwenza t'hekk, mhux talli r-rikorrent gie mcahhad mill-opportunita' illi joqghod ghall-intervista, izda gie effettivament imcahhad mill-possibilita` illi jikkompeti mal-applikanti l-ohra ghall-post vakanti ta' Assistant General Manager Human Resources fi hdan il-Korporazzjoni intimata, ghal liema post ir-rikorrent kellu l-kwalifiki kollha mehtiega.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dana taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta' l-intimat fejn wiegeb illi:

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent, li huwa sofra ingustizzja f'li ma saritlux intervista ghall-post vakanti ta' Assistant General Manager Human Resources mal-Korporazzjoni intimata, fl-1994 u rega gie imcahhad milli jikkompeti ghal dan il-post, hija infondata fil-fatt u fid-dritt, ghaliex fl-ewwel lok, ir-rikorrent ma kienx lehaq il-kriterji mehtiega u mitluba fl-'external call', ghal dan il-post, u dan minghajr pregudizzju ghas-segwenti;

Illi, anke kieku r-rikorrent kellu r-rekwiziti mehtiega, il-Korporazzjoni intimata, permezz tal-imsemmija sejha u sussegwenti applikazzjoni tar-rikorrent, mhijiex tinkorrri f'xi forma ta' rabta legali, li tobbligaha li ssejjah lir-rikorrent jew lil kwalsiasi applikant iehor ghall-intervista;

Illi fid-dawl tal-Kap 250, li kien ghadu fis-sehh fl-1994, u partikorment, l-artikoli 11 u 28:1, li jistipulaw li " il-hatra ta' ufficjali u ta' impjegati ohra ta' Telemalta issir mill-Bord" u li " Telemalta ghandha tahtar u timpjega …. dawk l-ufficjali u l-impjegati tal-korporazzjoni kif minn zmien ghal zmien ikun mehtieg ghall-qadi xieraq u efficjenti tal-funzjonijiet ta' Telemalta", galadarba il-Bord ikun sodisfatt li persuna toffri garanzija ta' "qadi xieraq u efficjenti", m'hemm xejn li xxekkielha fl-ghazla taghha;

Illi fil-fatt, Michael Debono, li eventwalment intghazel ghal dan il-post, irrizulta persuna ferm kompetenti u addata, in vista tal-esperjenza vasta li kien kiseb fl-impieg tieghu precedenti fic-Civil, bhala Ufficjal Amministrattiv, b'mod partikulari fil-kamp ta' 'Human Resources', u specjalment fejn kellu x'jaqsam ma kwistjonijet ta' unions, u rega bl-ebda mod ma jregi l-argument tar-rikorrent, li saret 'preferenza indebita' favur Michael Debono u kontra r-rikorrent;

Illi, minghajr pregudizzju, ghall-infondatezza kif fuq spjegata, tal-allegazzjoni tar-rikorrent li saret ingustizzja mieghu, ma jistghax jinghad li huwa 'sofra danni finanzjarji', b'konsegwenza ta' cahda minn xi haga, cioe'

il-post in kwistjoni, stante li tali post la qatt kien jew setgha jkun tieghu jew ta’ kwalunkwe persuna ohra, bid-dritt.

Ghaldaqstant, l-intimat pro et noe, talab li dan t- Tribunal joghgbu jiddikkjara l-allegazzjonijet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u jirrespingi kull pretensjoni li ghandu.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f’din il-kawza r-rikorrent qieghed jilmenta li gie mcahhad mill-possibilita` illi jikkompeti ma l-applikanti l-ohra ghal post vakanti ta’ Assistant General Manager Human Resources fi hdan il-Korporazzjoni intimata u talab illi jinghata rimedju kompensattiv.

Illi rrizulta mill-provi li fit-8 ta’ Lulju 1994 gie ppublikat avviz fil-gazzetta ‘The Times’ ghal hatra ta’ Assistant General Manager fil-Human Resources u fil-Finanzi (fol 29). Permezz ta’ ittra dattata 15 ta’ Lulju 1994 ir-rikorrent baghat l-applikazzjoni tieghu b’CV anness. Ircieva acknowledgement fil-21 ta’ Lulju 1994 u b’ittra ohra datata 30 ta’ Lulju 1994 (fol 30) huwa gie nfurmat illi ma giex short listed ghal interview u ghalhekk ma ntaghzilx ghal post. Irrizulta sussegwentement illi l-post inghata lil Michael Debono li skond ir-rikorrent la kellu l-kwalifiki u lanqas l-esperjenza li kellu hu. Ir-rikorrent jallega li hu gie trattat b’dan il-mod peress li kien kandidat tal-Partit Laburista fl-1992 u membru ta’ l-Ezekuttiv Nazzjonali ta’ l-istess partit.

Ikkunsidra

Li l-aktar xhud importanti li seta’ jaghti xi dawl f’din il-kawza huwa Raymond Fava llum Segretarju tal-Korporazzjoni intimata. Fl-1994 meta saret it-talba ghall-applikazzjonijiet kien Executive Officer u dak iz-zmien kien hemm l-ideja illi gie appuntat Chief Executive Officer

wiehed u erba' Assistants General Managers. Minhabba opozizzjoni tal-GWU sar ftehim illi minn Assistant General Managers 'il fuq il-Union ma tindahalx. Minkejja illi s-Sur Fava pprova jfittex ir-rapport ta' l-ghazla u tal-proceduri, dawn ma nstabux. Originarjament l-ufficcju tal-Korporazzjoni kienu Pender Place San Giljan izda meta dan twaqqa d-dokumentazzjoni ittiehdet kollha fl-arkivju l-Marsa minghajr ordni ta' xejn u ghalhekk kien ferm difficli ghalih biex isib xi dokumentazzjoni dwar il-procedura. Pero` minn hawn jew minn hemm sab xi dokumenti minn fejn jirrizulta l-ismijiet ta' l-applikanti u s-CV taghhom. Hawnhekk it-Tribunal seta' jqabbel l-curriculim vitae tar-rikorrent ma dak ta' Michael Debono, fejn minghajr dubju dak ta' l-ewwel jidher aktar impressjonanti.

Is-Sur Fava spjega illi ilu mal-Korporazzjoni 25 sena u ma tezisti l-ebda procedura standard ghall-applikazzjonijiet pero` ghal post in kwistjoni li huwa wiehed mill-ghola, l-bord ikun kompost minn "high ranking officials of Maltacom" u anki xi Direttur, jaf illi jsiru short listing u fl-ahhar rakkomandazzjoni lil bord tad-Direttur. M'hemmx appell izda l-applikant jista' jikteb direttament lil Bord tad-Diretturi. Kien hemm zmien meta c-Chairman Dr Richard Galea Debono kien dehrlu li l-collective agreement li kien hemm mal-GWU ma kienx jimpedih milli jaghmel direct appointments u ta' spiss kien jaghmel dawn il-hatriet. Skond is-Sur Fava inqala' rebus shih minhabba l-oggezzjoni li ghamlet il-GWU. Fl-ahhar kien sar kompromess kif diga inghad, illi minn Assistant General Managers 'il fuq il-Union ma tindahalx u min dawk il-gradi l'isfel kollox irid isir skond il-collective agreement. Ghalhekk f'dan il-kaz Assistant General Manager jaqa' taht id-deskrizzjoni tal-bord u l-Union ma tindahalx.

Il-hatra ta' Assistant General Manager kienet wahda kuntrattwali ghal tlett snin. Meta ghadda dan it-terminu Michael Debono inghata impjieg permanenti mal-Maltacom fil-grad ta' "Resource and Procedural Auditor" fi skala 5. Waqr li lir-rikorrent qatt ma nghata sodisfazzjoni il-ghala ma ntaghzilx ghal din il-hatra.

Ikkunsidra

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali t-Tribunal jidhirlu li l-principju tal-gustizzja naturali ma gewx osservati fil-konfront tar-rikorrent.  Dan wiegeb ghal sejha illi ghamlet il-Korporazzjoni tramite avviz fil-gazzetta u rcieva acknowledgemnt ta’ l-applikazzjoni tieghu.  Bir-ragun kellu dritt jistenna illi jigi msejjah ghall-interview jew almenu jinghata sodisfazzjoni il-ghala l-applikazzjoni tieghu ma gietx accettata.  Minn dan kollu ma sar xejn u giet appuntata persuna ohra minghajr ma nghatat gustifikazzjoni ghal hatra tieghu.  Dan mhuwiex agir gustifikat f’Korporazzjoni pubblika illi ghandha jkollha t-trasparenza bil-mod kif tagixxi ghal hatriet ta’ l-impjegati taghha.  Fin-nuqqas ta’ dokumentazzjoni t-Tribunal ma jistax jissindika l-konsiderazzjonijiet tal-Korporazzjoni ghaliex ghazlet persuna u mhux ohra u anqas ma tista’ tordna illi l-hatra tinghata lir-rikorrent pero` tista’ tissindika l-operat tal-Korporazzjoni fil-process kollu ta’ l-ghazla illi jidher suspett bil-mod kif saret, u zgur illi ma saritx gustizzja mar-rikorrent meta arbitrarjament u minghajr raguni ta’ xejn gie nfurmat li l-applikazzjoni tieghu ma gietx accettata.  Dan mhuwiex mod kif isiru l-affarijiet u r-rikorrent ghandu dritt jkun kompensat ghal din ingustizzja li sewwa sofra.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi li jilqa’ t-talba tar-rikorrent u jirrakomanda lil Korporazzjoni intimata li thallas lir-rikorrent is-somma Lm1000 bhala danni ghal ingustizzja illi huwa sofra meta arbitrarjament u minghajr raguni ta’ xejn gie mcahhad mill-possibilita` illi jikkompeti ma applikanti ohra ghal post vakanti ta’ Assistant General Manager Human Resources fl-1994. Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------